MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 560/1999/1

**Emanuel Mercieca**

**vs**

**Nazzareno Farrugia**

**Il-Qorti ,**

Rat ic-citazzjoni pprezentat mill-attur fil-21 ta' April, 1999 fejn talab lil din il-Qorti peress illi b'sentenza fil-kawza fl-ismijiet Nazzareno Farrugia vs Emanuel Mercieca, Avviz Numru 681/98/MM fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta' Frar, 1999 – fl-ismijiet inversi – il-konvenut gie kkundannat ihallas id-danni kollha sofferti minn Nazzareno Farrugia flimkien ma' l-ispejjez u l-imghaxijiet legali naxxenti minn incident awtomobilistiku li sar fit-13 ta' Jannar, 1998 go Tarxien Road, Gudja.

Peress illi l-esponent ma giex debitament notifikat bl-imsemmija kawza u sar jaf biha billi kien ircieva ittra

datata 23 ta’ Marzu 1999 mill-avukat tal-konvenut f’din il-kawza, wara li ntbaghtet ittra ufficjali datata 15 ta’ Marzu, 1999 mill-istess esponent (Dok A).

Peress illi ghalhekk, a tenur ta’ l-Artikolu 811(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 812 u d-disposizzjonijiet l-ohra tat-titolu IV tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-attur ghandu dritt jitlob ir-ritrattazzjoni ta’ l-istess kawza.

Ghaldaqstant, jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

(a) tiddikjara u tiddeciedi li l-atti tal-kawza deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza fl-ismijiet Nazzareno Farrugia vs Emanuel Mercieca deciza fit-18 ta’ Frar 1999 ma gewx validament notifikati mill-attur f’dik il-kawza, u cioe’, Nazzareno Farrugia.
(b) thassar u tirrevoka l-imsemmija sentenza a tenur ta’ l-Artikoli 811(b) u 812 u d-deposizzjonijiet tat-titolu IV tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u konsegwentement tordna li l-kawza tigi trattata mill-gdid.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ghall-fini ta’ kompetenza s-somma ma teccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000).

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. illi fl-ewwel lok, l-attwalita’ u n-nullita’ tac-citazzjoni peress, li l-ewwel talba saret inutli u t-talba l-ohra ma hiex konformi mal-Ligi peress li bil-kawza odjerna ma jistax jinholoq dak li jipprospetta Artikolu 820 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. illi fit-tieni lok, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, l-attur gie validament notifikat skond il-ligi.
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-decizjoni taghha tal-15 ta’ April, 2002 fejn ordnat is-smiegh mill-gdid ta’ l-Avviz Numru 681/98;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizjoni li grat fit-13 ta’ Jannar, 1998 fit-tmienja neqsin kwart ta’ filghodu (07:45) f’Tarxien Road, Gudja bejn il-karozza tal-marka Skoda bin-numru tar-registrazzjoni EAA 165 misjuqa minn Nazzareno Farrugia u l-mutur tal-marka Yamaha bin-numru tar-registrazzjoni FBG 232 misjuq minn Emanuel Mercieca.

Farrugia qal illi ried idur ghal fuq ix-xellug biex imur f’Kalkara tal-gir u meta wasal vicin fl-inkrocju xeghel l-*indicator* biex jindika li kienn ser idur. Dak il-hin instema’ hoss qawwi ta’ mutur, hares fil-mera u ra mutur warajh bis-sewwieq b’rasu mghaddsa gol-*handle bar*. Kif dar nofsu ghal got-trejqa, jisma’ hoss tad-daqqa u l-mutur ikompli jitkaxkar fit-triq. Hareg u sab ‘il mutur mitfugh f’nofs it-triq bis-sewwieq tieghu ma’ l-art. Peress illi dan ta’ l-ahhar kellu xi feriti, giet l-ambulanza u haditu l-isptar u l-ghada Farrugia kellem lil Mercieca l-isptar. Bdew jiddiskutu l-incident u Mercieca allega li Farrugia xeghel l-*indicator* tal-lemin. Dan gie negat minn Farrugia. Qal ukoll illi meta ra l-mutur warajh, l-*indicator* kien diga’ mixghul.

Minn naha l-ohra, Emanuel Mercieca (fol. 75) qal illi huwa kien qed isuq il-mutur go Tarxien Road, Gudja b’velocita’ ta’ hamsa u ghoxrin (25) kilometru fis-siegha, ra l-iSkoda quddiemu bl-*indicator* lejn il-lemin. Huwa pprova jghaddi minn fuq ix-xellug tieghu izda minflok, dar lejn ix-xellug biex jidhol fi trejqa li kien hemm fuq dik in-naha u b’hekk sar l-incident.

Farrugia esebixxa d-diversi dokumenti kif ukoll fatturi biex jiggustifika t-talba tieghu ghall-hlas kif maghmula fl-Avviz numru 681/98.

Is-Surgent PS359 Carmelo Abdilla, illi nvestiga dan l-incident, kellem liz-zewg partijiet involuti. Farrugia qallu li

xeghel l-*indicator* biex idur go *side road* lejn ix-xellug, izda dak il-hin dahal fih il-konvenut bil-mutur. Mentri Emanuel Mercieca li kien qed isuq il-mutur qallu li kien qed isuq fl-istess direzzjoni tal-karozz li kienet f'nofs it-triq. Innota li kellha l-*indicator* tal-lemin mixghul u ghalhekk, ghadda minn naha tax-xellug ta' din il-karozza. Izda din f'daqqa wahda bdiet tikser lejn ix-xellug u sar l-incident. Gie esebit l-i*sketch* ta' l-incident fejn juri l-vetturi kif spiccaw wara l-habta. Fil-fatt, fuq iz-zewg nahat fejn gara l-incident jidhru li hemm inkrocji, wiehed lejn il-lemin u l-iehor lejn ix-xellug.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi, l-Qorti jidhrilha li z-zewg verzjonijiet moghtija minn Mercieca u Farrugia huma t-tnejn plawsibbli. Mill-bidu nett, Mercieca allega illi Farrugia xeghel l-*indicator* lejn il-lemin u minflok dar lejn ix-xellug, f'liema kaz huwa ovvju li gie zvijjat peress illi Farrugia ma kkomunikax sew l-intenzjonijiet tieghu lill-utenti l-ohra tat-triq. Minn naha l-ohra Farrugia jghid illi kien qed isuq il-karozza u xeghel l-indicator, hares fil-mirja u ra l-mutur warajh. Ra illi dan kien xi distanza 'l boghod u ghalhekk beda jdur, izda jahqu u sar l-incident. Hawnhekk ma jidher xejn hazin.

Jekk verament sar hekk, Farrugia kien konxju ta' dak li kien qed jigri madwaru, ta s-sinjali korretti, assigura li l-vetturi ta' warajh kienu qeghdin 'il boghod bizejjed, u li seta' li jbiddel id-direzzjoni lejn ix-xellug minghajr tfixkil ta' xejn, manuvra li ntrisikament mhijiex daqshekk perikoluza peress illi s-sewqan f'Malta huwa fuq ix-xellug u ghalhekk il-dbil ta' d-direzzjoni lejn ix-xellug mhuwiex ser jimporta xi diffikultajiet specjali la ghas-sewwieq u lanqas ghall-utenti l-ohra tat-triq. Pero' jibqa' l-fatt illi Farrugia ma rnexxilux jipprova li dan l-incident gara kawza ta' xi negligenza da parti ta' Emanuel Mercieca.

Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala m'ghandhiex temmen il-verzjoni ta' Mercieca bhalma ma ssib l-ebda raguni ghaliex m'ghandhiex temmen il-verzjoni ta' Farrugia, li t-tnejn huma plawsibbli mehud in

konsiderazzjoni l-konfigurazzjoni tat-triq u c-cirkostanzi tal-kaz. Ghalhekk, il-Qorti ma tistax tara kif tista’ tilqa’ t-talba ta’ Farrugia.

F’kawza deciza mill-Qorti Civili Dr H Lenniker vs J Camilleri fil-31 ta’ Mejju, 1972 il-Qorti qalet, “… f’kawza civili l-attur li allega li gratlu hsara b’tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma tistax ikollha ezitu favorevoli (anki jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b’tort ta’ l-attur).”

L-istess Frances and Paul Ebejer noe vs Malcolm Muscat deciza mill-Prim’Awla fis-17 ta’ Ottubru, 1997 fejn il-Qorti qalet li f’materja ta’ kollizjonijiet fost affarijiet ohra, l-attur l-ewwel nett irid jaghmel il-prova li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni kien gara b’tort tal-konvenut. Din il-prova trid issir dejjem u jekk ma ssirx b’mod sodisfacenti l-Qorti ma tkunx tista’ tilqa’ t-talbiet attrici.”

Ghalhekk, il-Qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet li t-tnejn setghu kienu veritjeri u allura ma tistax ikollha l-konvinciment morali bazat fuq il-preponderanza ta’ probiltajiet li l-attur irnexxilu jipprova l-kaz tieghu. Ghalhekk, abbazi tal-principju tad-dritt Ruman illi, “Actors non probante, reius absolvitur”, din il-Qorti m’ghandhiex triq ohra hlief li tichad it-talba ta’ l-attur odjern Nazzareno Farrugia.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talba ta’ l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------